# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU DISA'

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Awwissu, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skużat: | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport ta' l-Awditur.
(4) Programm Festival Edukattiv Senglean.
(5) Programm Isla Street Festival.
(6) Riżoluzzjonijiet.
(7) Aċċettazzjoni ta' Tenders.
(8) Kuntratt – Segretarju Eżekuttiv.
(9) Sotto Kumitat Turiżmu / Ambjent.
(10) Information Map.
(11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 9 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Is-Sindku Joseph casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex il-minuti ta' Laqgħa Numru 8 jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba l-ħafna xogħol li hemm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'dawk li huma preparamenti ta' attivitajiet.

## 9 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Cahsa ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

9 (2).1 Queen's Own Band Club ( 27/08/05)

(i) Is-Sindku Joseph Casha ltaqa' ma' rappreżentatnti ta' din l-Għaqda Mużikali fejn ġew diskussi t-talbiet tagħhom skond l-ittra 04/1477/04/I (Kopja mehmuża).

(ii) Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Romina Perici Ferrante li kienet qed taġixxi bħala deputat Segretarju Eżekuttiv. Minuti ta' dak li ġie diskuss huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

(iii) Il-Kunsill qabel li :
- (1) li joħroġ no objection għall-attivita'
- (2) li jikteb lill-ADT biex isir tindif tal-Pjazza
- (3) li jagħti għajnuna finanzjarja ta' lm 50 għal dawn l-attivitajiet.

9 (2).2 Laqgħa mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (27/08/05)

Minuti ta' din il-laqgħa huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

(i) Is-Sindku Joseph Casha li attenda għal din il-laqgħa nforma lill-Kunsill li wara li tkellem mas-Sur Ray Bondin, Kordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera, dan infurmah li lest jerġa' jiffinanzja r-reprint tal-Historical Information Map ta' l-Isla għall-ammont ta' Lm 250.

(ii) Il-Kumitat approva dan il-ħlas u qiegħed għall-approvazzjoni tal-Ministru (KOpja mehmuża).

(iii) Il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera kien wieħed mill-isponsors ta' l-ewwel ħarġa ta' din il-mappa.

(iv) Mill-istess laqgħa ħareġ li t-tender tad-dawl tal-faċċata fil-mina ta' sant'Anna għalqet u ser jinxtara l-materjal. L-Enemalta diġa tħallsu biex ineħħu l-wiring li hemm minn mal-bieb fid-daħla ta' l-Isla.

9 (2).3 Computer Kors għat-tfal (28/07/05)

(i) Hemm proposta mit-tutor (Mr. Charles Camilleri) li qed jagħmel il-Kors tal-komputers għall-adulti flimkien ma' l-FES fil-Kunsill, biex isiru korsijiet tal-Kompjuter għat-tfal (imam bi ħlas).

(ii) Huwa ppropona li jsir kors ta' 10 lezzjonijiet ta' siegħa u nofs kull lezzjoni bi ħlas ta' 75ċ kull siegħa għal kull parteċipant.

(iii) Wara diskussjoni l-Kunsill kien tal-fehma li għandu jaġevola lil dawk il-familji li jridu jibgħatu aktar minn tifel wieħed mill-istess familja.

(iv) Għaldaqstant il-Kunsill approva din il-proposta biex dan il-kors isir u l-ħlas ta' dan il-kors ta' 10 lezzjonijiet ikun hekk :

Lm 10 għall-ewwel tifel
Lm 7.50ċ għat-tieni tifel
Lm 5.00 għat-tielet tifel
Lm 2.00 għar-raba' tifel ta' l-istess familja.

9 (2).4 Mappa tal-Kottonera (28/07/05)

(i) Is-Sindku Joseph Casha attenda għall-varar tal-Mappa tal-Kottonera mill-Kumitat Konġunt tal-kottonera. Din id-darba l-verżjoni tal-Mappa kienet bil-Ġermaniż.

(ii) Programm dwar l-Isla fuq TVM ( 02/08/05)

Is-Sindku kellhu laqgħa mas-Sinjura Lynn Faure' nee Chircop dwar intervista li kellhu jagħmel għal programm dwar l-Isla ta' madwar 45 minuti fuq TVM.

(iii) Is-Sindku ntalab jagħmel kuntatt mal-Klabb tar-Regatta, tal-Football, mal-Knisja u dwar l-istorja ta' l-Isla.

(iv) Is-Sindku Joseph Casha tkellem masl-Kunsillier Louis Henwood biex jorganiżża entertainment mat-tlett sindki tal-kottonera flimkien u din issir fuq il-lanċa.

9 (2).5 Ministires to Malta

(i) Saret talba minn din l-Assoċjazzjoni ta' volontiera Kristjani biex itellgħu Festival għat-tfal nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu, 2005 fl-ispazju li hemm fuq in-naħa ta' Alice Springs Kiosk. Eżattament fejn is-Summer Club itella' l-attivitajiet tiegħu kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Il-ħin propost huwa bejn is-7.30 u d-9.00pm ta' filgħaxija.

(ii) Kopja ta' l-ittra mehmuża.

(iii) Dan il-festival jinkludi mużika, puppets, Storja mill-Bibbja u artiġġjanat. Barra din l-Assoċjazzjoni ġej tim ta' volontiera minn Georgetown, Kentucky (USA).

(iv) Il-Kunsill approva din il-proposta.

Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti biex dan l-item jitkompla aktar tard u jiġi diskuss item (3) ta' l-Aġenda, Rapport ta' l-Awditur (Management Letter) billi kien hemm preżenti l-accountant tal-Kunsill.

## 9 (3) Rapport ta' l-Awditur (Management Letter)

(i) L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura romina Perici ferrante għamlet l-analiżi tagħha tal-Management Letter.

(ii) Il-punti mressqa mill-awditur ġew trattati u diskussi wieħed wieħed.

(iii) Hemm parti li l-Kunsill qabel miegħu u oħrajn li ma' kienx hemm qbil.

(iv) It-tweġiba għal din l-ittra ser tkun imħejjija mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-accountant tal-Kunsill u ser tkun mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Wara dan l-item il-Kunsill kompla fuq l-Aġenda li kellu quddiemu.

## 9 (2).6 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-25 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1812/05/I Avviż lill-Għawwiema*

Il-Konsorsju Grand Harbour marina talab lill-Kunsill biex jagħmel tabella / avviżi fuq in-naħa ta' l-Isla biex għawwiema ma' jaqsmux għan-naħa tal-pontoons minħabba periklu.

*04/1815/05/I Ħaddiema IPSL*

Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali informal ill-Kunsill biex jinfurmah liema żewġ ħaddiema ser iżomm mit-tlett ħaddiema li għandu assenjati miegħu.

*04/1821/05/I Approvazzjoni Misraħ Andrea Debono*

Direttur, Dipartiment għall-Bini u Tiswija tad-Djar ikkonferma l-embellishment ta' dan is-sit ser isiru għas-spejjeż ta' l-istess Dipartiment wara lit kun saret il-kostruzzjoni tal-bini tal-madwar.

*04/1839/05/I Abbużi fil-bini tal-Maċina*

Id-direttur tal-Konsorsju Port Cottonera wieġeb l-ittra tal-Kunsill fuq l-istess suġġett wara li wieġeb x'qed isir mill-Konsorsju huwa stqarr li l-Kunsill għandu jinstalla s-Security Cameras sabiex ikun jista' jsir monitoring.

Il-Kunsill ma' qabilx ma' dan għaliex ir-responsabbilta' kellha taqa' fuqhom. Il-Kunsill ser iwieġeb b'ittra.

*04/1840/05/I* *Tranġar ta' granit*

Il-Każin Laburista ta' l-Isla talab biex jiġi rranġat il-granit tal-faċċata tal-każin li baqa' ma' sarx wara li kienet saret il-bankina.

Il-Kunsill approva t-talba.

*04/1845/05/I* *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Ċirkulari 42/2005 – Devoluzzjoni Bozoz)*

Is-Sindku Joseph Casha qara' din iċ-ċirkulari (Kopja mehmuża).

*04/1850/05/I* *Festival Summer Club fil-Gardjola (08/08/05)*
*04/1858/05/I*

Is-Sur Mario Cardona (FES) ipprepara lista ta' mistednin kie ukoll program għal dan il-Festival f'egħluq il-proġett Summer Club'05 imtella' mill-Kunsill flimkien ma' l-FES.

*04/1859/05/I* *Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Mehmuż kopja tal-Minuti tal-laqgħa ta' dan il-Kumitat fejn ġew diskussi xogħlijiet li ser isiru fl-Isla.

*04/1860/05/I* *Festival għat-Tfal – Ministries for Malta*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' din l-Għaqda volontarja biex ittellgħa Festival għat-Tfal fis-6 ta' Awwissu, 2005 bejn iż-żewġ gabbani, x-Xatt fuq bażi volontarja.

*04/1881/05/I* *Sponsorship – Information Map, Isla*

Dr. Ray Bondin, kordinatur għall-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (KRK) informal ill-Kunsill lid an il-Kumitat approva l-għotja ta' Lm 250 u tressqet għall-approvazzjoni tal-Ministru.

*04/1882/05/I* *Malta Historic Cities Festival*

Mehmuż kopja tal-programm kollu fid-diversi bliet fejn ser isir dan il-Festival bejn is-6 u s-16 ta' Ottubru, 2005.

## 9 (4) Programm Festival Edukattiv Senglean

(i) Ġie propost l-aħħar draft tal-programm ta' dan il-Festival Edukattiv Senglean għall-familji li ser isir fit-8 ta' Awwissu, 2005 bħala l-egħluq tal-proġett Sumer Club'05 (Kopja mehmuża).

(ii) Is-Sindku ppreżenta lista ta' dawk li ser ikunu mistiednin għal dan il-festival (Kopja mehmuża).

(iii) Għar-riċeviment f'egħluq dan il-Festival il-Kunsill ikkunsidra tlett offerti miġbura minn Creme Caramel, James Confectioners u Dolceria Croce Bonaci (Kopji mehmuża).

(iv) Fil-fehma tal-Kunsill l-aħjar offerta għall-value for money kienet dik ta' James Confectioners.

## 9 (5) Programm Isla Street Festival

(i) Ġie ppreżentat il-programm finali ta' dan il-Festival li ser isir bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu, 2005 fl-Isla li qed jiġi mtella' mill-Fondazzjoni tal-Ħbieb ta' St. Luke's Hospital u Lions Club La Vallette.

(ii) Il-Kunsill qed joffri il-kunsens tiegħu u servizzi oħra in kind bħall-użu tal-Gardjola u l-użu ta' postijiet oħra fl-Isla.

(iii) Kopja tal-programm u l-attivitajiet huma mehmuża.

## 9 (6) Riżoluzzjonijiet

(i) Dan il-Kunsill kellu erba' riżoluzzjonijiet għall-approvazzjoni.

(ii) *Riżoluzzjoni Numru 6* : (kopja mehmuża) dwar il-finanzjament ta' Lm 1, 200 biex jkunu mistiedna 10 żgħażagħ minn Cassino biex flimkien mal-grupp Leader jiġu jitgħallmu l-Ingliż f'Malta għal ġimgħa, dan fl-ambitu tal-ġemellaġġ li hemm bejn iż-żewġt ibliet (Isla-Cassino). Din is-somma għandha tkopri l-ispejjeż tal-kors u l-akkomodazzjoni.

Il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni nem. con.

(iii) *Riżoluzzjoni Numru 7*: (kopja mehmuża)

Il-Kunsill approva nem. con. sussidju ta' Lm 40 fix-xahar għaż-żmien tas-Sjaf biex isiru lezzjonijiet tal-privat għat-tfal fil-klassijiet minn year 1 sa year 4.

(iv) *Riżoluzzjoni Numru 8* : (kopja mehmuża)

Il-Kunsill approva nem. con. is-somma ta' Lm 370 biex ikopri l-ispejjeż tal-Festival Edukattiv għall-Familji Sengleani w rappreżentanti ta' Għaqdiet li ħadu sehem fil-Proġett Summer Club'05 imtella' mill-Kunsill flimkien ma' l-FES.

(v) *Riżoluzzjoni Numru 9* : (kopja mehmuża)

Il-Kunsill approva nem. con. is-somma ta' Lm 150 għal meljorament fl-istallazzjoni fi Ġnien il-Gardjola speċjalment f'dak li huwa dawl.

## 9 (7) Aċċettazzjoni ta' Tenders

(i) Skond il-fehma tal-Perit il-kunsill għandu jagħżel l-offerta ta' Pada builders Ltd li hija t-tieni fost l-irħas u minħabba li fl-opinjoni tiegħu dan għandu aktar esperjenza minn Catbros Ltd li tefgħu l-irħas offerta (Kopja mehmuża).

(ii) Il-parir ta' l-Adjudicating Board kien li l-aħjar għażla tkun dik ta' Catbros Ltd sakemm dawn iġibu l-garanzija li hemm bżonn. L-offerta ta' Catbros Ltd hija orħos mill-Pada Builders b' Lm 8, 800 (Kopja mehmuża).

(iii) Minn stħarriġ li għamel il-Kunsill jidher li CatBros Ltd ħadmu tajjeb ħafna ma' diversi Kunsilli u l-garanziji mitluba ingħataw.

(iv) Fuq dawn il-kriterji l-Kunsill approva li x-xogħol ta' patching u resurfacing fi Triq Iż-Żewġ mini, Triq San Ġużepp, Capstan fix-Xatt u Triq il-Ħabs l-Antik isiru minn CatBros Ltd.

(v) Misraħ Andrea Debono

Il-Kunsill qabel li għal issa dan ix-xogħol ma' jsirx minħabba li dan il-Misraħ ser jintmiss minn xogħol li l-Gvern Ċentrali ser iwettaq fuq id-djar li jinsabu hemm.

Il-Kunsill diġa' ġie mwiegħed li wara li jsir ix-xogħol meħtieġ ta' kostruzzjoni ix-xogħol propost mill-Kunsill għal dan il-Misraħ isir mill-Kunsill għas-spejjeż tad-Dipartiment għall-Bini u Tiswija tad-Djar.

Għaldaqstant il-Kunsill jieħu deċiżjoni meta jkun il-waqt.

## 9 (8) Kuntratt – Segretarju Eżekuttiv

(i) Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-tiġdid tal-kuntratt tiegħu għal tlett snin oħra. Il-Kuntratt preżenti jagħlaq f'Diċembru, 2005.

(ii) Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti dan l-item.

(iii) Il-Kunsill kien tal-fehma li jieħu deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

(iv) Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa x'kienet ir-raġuni li l-Kunsill sab diffikulta li jieħu deċiżjoni ġa la darba tressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill. Ma' kienx hemm tweġiba definittiva. Is-Sindku qal li ma jidhirx li l-Kunsill mhux se jilqa t-talba tas-Segretarju imma jixtiequ jkollhom aktar ħin biex niddiskutu dan il-kuntratt

(v) Għal dan is-Segretarju Eżekuttiv wera' d-diżapprovazzjoni tiegħu minħabba li ma' setgħax jifhem għala d-deċiżjoni tħalliet għal laqgħa oħra meta il-kundizzjonijiet tal-kuntratt huma stabbiliti mill-liġi stess tal-Kunsilli Lokali.

## 9 (9) Sotto Kumitat Turiżmu / Ambjent

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa li kellhu dan is-Sotto Kumitat jinsabu fl-Uffiċċju Amministrattiv. (Kopja mehmuża).

(i) Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Louis Henwood biex għal-laqgħat li ġejjien iressaq riżoluzzjonijiet jew mozzjonijiet ibbażati fuq dak propost f'dan is-Sotto kumitat.

## 9 (10) Information Map

Kif diġa ssemma' hawn fuq il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera diġa' qabel li jagħti sponsor ta' Lm 250 biex din il-Mappa terġa' tiġi stampata. Il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera kien wieħed mit-tlett sponsors li ffinanzjaw din il-mappa.

Il-Kunsill approva biex is-Sindku jsib sponsors oħra jekk dawk preżenti ma' jkunux interessati li jagħmlu dan.

## 9 (11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Is-sindku Joseph Casha ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtraw dawn l-oġġetti :

| | | |
|---|---|---|
| Enamel lapel Badges u Tie Pins | | Lm 335 |
| Souvenirs tal-Kunsill Lokali | Penholders u Calculators | Lm 215 |
| Grada tal-ħadid għax-xelter | | Lm 100 |
| Bandieri | Malta<br>Kunsill<br>Cassino | Lm 200 |
| Tindif ta' fuq is-Sur minn ħdejn il-Gardjola sa Triq San Mikiel u Fuq l-Imħażen tal-Maċina | | Lm 110 |

Il-Kunsill approva dawn it-talbiet u ser titressaq riżoluzzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fil-10.50pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv